MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 19/2011

**Bugeja Company Limited (C18077)**
**vs**
**Central Lifts Co. Limited (C42426) u Marco Paul Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha is-somma ta' disat elef, tlett mija u tletin Ewro u tmienja u sebghin Ewro centezmu (€9,334.78) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma' diversi prodotti lilhom fornuti u servizzi rezi skond l-anness dokumenti immarkati bhala Dokument A u B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Marco Paul Vella li giet prezentata fil-21 ta' Frar
2011 fejn eccepixxa:

*1. “Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma insostenibbli fir-rigward tal-intimat Marco Paul Vella peress illi dan mhuwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghaldaqstant jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti fil-konfront ta’ l-intimat Marco Paul Vella huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt mhux biss ghaliex kif inhu ben risaput ir-responsabbilita’ tal-membri ta’ kumpanija hija limitata ghall-ammont , jekk ikun hemm, li ma jkunx thallas mill-azzjonijiet rispettivament mizmuma minnhom. Imma ukoll ghaliex kif jidher mid-dokument anness mar-rikors promotur (immarkat bhala Dok E) u kif jidher ahjar mid-dokumenti annessi ma’ din ir-risposta (immarkati bhala Dok MPV1, Dok MPV2 u Dok MOV3) l-istess intimat kien irrizenja minn Direttur u biegh l-ishma kollha tieghu fis-socjeta’ Central Services Limtied (C 42426) lill-membri l-ohra prezenti b’effett mid-disgha w ghoxrin (29) ta’ Jannar 2010 u ghaldaqstant illum il-gurnata m’gahndu l-ebda konnessjoni ma l-istess kumpanija.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.”*

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta Central Lifts Co. Ltd pprezentata fl-atti nhar is-7 ta’ Setttembru 2011 fejn eccepiet is-segwenti:

1. “*Illi s-socjeta’ eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ rikorrenti u dana peress illi qatt ma inkarigat lil hadd jixtri u jakkwista materjal mighand l-istess socjeta’ rikorrenti.*

2. *Bl-ispejjez.*”

Illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Settembru 2011 xehed **Charles Bugeja** fejn iddikjara li jokkupa l-kariga ta’ Direttur fis-Socjeta’ attrici. Huwa esebixxa tlett (3) sets ta’ delivery notes li gew immarkati bhala Dokument A, B, C. Spjega li dawn huma delivery notes u invoices li hargu skond l-ammont mitlub minnhom fl-ammont ta’ disat elef,

tlett mija u erbgha w tletin Ewro u tmienja w sebghin Ewro centesmu (€9334.78). Qal li dawn huma kopji tal-original u dawn il-kopji gew mehuda minnu. Spjega li kien imur Marco Paul Vella ghandhom f'isem is-socjeta' Central Services Ltd u kien jiehu materjal minghandhom. Ikkkonferma li maz-zmien akkumula dan id-dejn kollu. Huma talbuh sabiex ihallashom pero' dan nonostante baqa' ma hallashomx sal-lum. Baghtulu wkoll ittra legali izda baqa' inadempjenti. Spjega li l-merkanzija giet mehuda minghandhom minn Marco Vella u gieli kien jibghat xi haddiem iehor minn tieghu.

**Charles Bugeja** xehed nhar is-sittax (16) ta' Dicembru, 2011 in kontro-ezami u mistoqsi jekk jafx lil Rudolph Azzopardi wiegeb li le, ma jafux. Pero' mistoqsi mill-Qorti jekk qattx iltaqa' mieghu tenna li iva effettivament kien iltaqa' mieghu darba qabel ma fetah il-kawza tieghu. Jiftakar li kien mar ikelmu fl-ufficcju tieghu Fleur de Lys u dan ghan-nom tas-socjeta' Central Services Ltd. Mistoqsi jekk jafx lil Alan Mifsud qal li ma jafux. Spjega li huwa kien ddikjara li Marco Paul Vella kien jmur ghandu ghan-nom tas-socjeta' Central Services peress li Vella hekk kien jghidilhom u effettivament insegwitu talli huwa kien mar ghandhom kienu sahansitra anke ircevew xi pagamenti minghandu dejjem ghan-nom tas-socjeta' Central Services Ltd. Gieli fil-fatt tkellem mieghu dan Marco Paul Vella.

Effettivament ma jistax jghid jekk ic-cekk li kien ircieva kienx ghan-nom tas-Central Services jew ghan-nom ta' Artek Company Ltd. Jaf pero' li l-pagament sar permezz ta' cekk. Mistoqsi jekk is-socjeta' attrici ghandiex x'taqsam mas-socjeta' Artek, ddikjara li ma jaf xejn dwar dan. Huwa ma jafx li Marco Paul Vella kellu xi kont personali maghhom. Huwa minnu li l-invoices hargu f' isem Marco Paul Vella pero' harguhom f'ismu ghan-nom tal-kumpanija, ghax hekk kien jghidilhom hu. Ghalihom ma kinitx taghmel differenza ghal minn kien ix-xoghol u huma kienu jiktbu skont ma kien jghidilhom Marco Paul Vella. Ghalihom id-debitur taghhom kienet is-socjeta' konvenuta Central Services Ltd. Lilhom Marco Paul

Vella kien jghidilhom li x-xoghol kien ghall-kumpanija Central Services Ltd.

Mistoqsi ghaliex fuq l-invoices ma hemmx miktub Central Services Ltd spjega li huma kienu jiktbu Marco Paul Vella peress li kien hu li kien jiffirma ix-xoghol. Mistoqsi jekk huma qattx baghtu invoices lil kumpanija Central Services qal li s-socjeta’ baghtet diversi pagamenti u huma sahansitra kien ghamlu diversi telefonati lilhom pero’ invoices fuq din il-kwistjoni qatt ma baghtu lis-socjeta’ Central Services. Tant ix-xoghol kien ghas-socjeta’ Central Services Ltd li gieli kienu jibghatu haddiema ohra u mhux Marco Paul Vella biss biex jigbor x-xoghol, u kienu jiffirmaw huma fuq l-invoices. Sostna li d-dirigenti tas-socjeta’ Central Services Ltd kienu jghidulhom dejjem li kienu ser jibghatu l-pagament. Mistoqsi lil min kienu jcemplu u ma min jitkellmu fl-istess tas-socjeta’ Central Services qal li huma kienu jcemplu l-ufficcju u kienu jkellmuhom mill-ufficcju, ghalkemm iddikjara li mhux hu kien icempel. Mistoqsi jekk jaqbilx li l-hlasijiet li kienet taghmel ic-Central Services kienet taghmilhom permezz ta’ cekk wiegeb li sa fejn jiftakar id-darbtejn jew tlett darbiet li rcieva pagamenti kienu permezz ta’ cekk. Ma jiftakarx jekk ic-cekk li kienu jibghatu kienx ikopri l-invoice kollu. Cahad dak li gie suggerit lilu li s-socjeta’ Central Services kienet thallas mill-ewwel. Pero’ kwistjonijiet bejniethom ma kienx hemm, u ghalhekk l-ammont tela’ daqstant, ghaliex kull darba kienu jghidulhom li kienu ser ihallsu, u huma fdawhom peress li kellhom relazzjoni stabbli bejniethom. Mistoqsi jekk is-socjeta’ Central Services qattx xtrat minn ghandhom, tenna li ma jafx. Il-bicca l-kbira tax-xoghol in kontestazzjoni kien hadu Marco Paul Vella. Pero’ hemm xi affarijiet tax-xoghol li gew mehuda minn impjegat iehor certu Attard. Huma qaghdu fuq il-kelma ta’ Marco Paul Vella li kien qed jiehu x-xoghol ghas-socjeta’ Central Services peress li fil-passat kien ghamel hekk, u kienu rcevew il-pagamenti minghand is-socjeta’. Jaf li s-sur Vella kien imur jigbor ix-xoghol permezz ta’ vann abjad.

Ix-xhud tenna li apparti Vella kien hemm impjegati ohrajn tas-socjeta’ Central Services li kienu jiehdu ix-xoghol.

Dokumenti TM1 sa TM49 hargu kollha f' isem Marco Paul Vella. Anke id-Dokumenti TM50 sa TM97 f'isem Marco Paul Vella. Huwa minnu li kien hemm invoice datata hamsa (5) ta' Frar, 2010, f' isem Rudolph Azzopardi f'isem is-socjeta' Artek Ltd.

Iddikjara li meta huma baghtu l-invoice fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) lil Rudolph Azzopardi, il-kwistjoni bejn Marco Paul Vella u Rudolph Azzopardi kienet diga bdiet u Marco Paul Vella kien qalilhom biex jibdew jibghatu l-invoices direttament lil-kumpanija. Huwa minnu li Charles Bugeja kien kellem lil Rudulph Azzopardi ghal bidu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Dak inhar kien qallu li kien hemm dawn il-kontijiet kollha pendenti u dakinhar qalilhom li ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-kwistjoni. Dan ghaliex f'xi data fis-sena elfejn u disgha (2009), Marco Paul Vella kien infired minn mas-socjeta' attrici. Naturalment dan skond ma qallu Rudolph Azzopardi. Irrepeta li fuq il-bicca l-kbira ta' dawn l-invoices u delivery notes hemm il-firma ta' Marco Paul Vella. Qabel ukoll li fuq l-invoice tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar, 2010, hemm ukoll il-firma ta' Marco Paul Vella, u kkonferma li kien mar ikellem lil Rudolph Azzopardi wara li kien hareg l-invoice tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar, 2010, u Marco Paul Vella qallu li ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta' attrici u li ghalhekk hareg l-invoice f'isem Rudolph Azzopardi.

**Gaetano maghruf bhala Tano Micallef** xehed ukoll nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2011 u stqarr li huwa jahdem bhala salesman mas-socjeta' attrici. Iddikjara li kien mar ikellmu Marco Paul Vella u kien qallu li kien interessat biex jixtri merkanzija minghandhom konsistenti f'materjal in konnesjoni mad-dawl u l-ilma u plumbing. In segwitu beda jixtri b'mod regolari minn ghandhom. Naturalment huwa kien jiftah il-kontijiet relattivi ghal affarijiet li kien jiehu pero' ma kienx ihallashom. Talbu kemm-il darba biex ihallashom pero' dejjem kien jghidilhom mhux ghalissa. Kien imur jiehu x-xoghol bil-vann tal-kumpanija bil-kliem Central Services Ltd u Marco Vella kien kien jghidlu li huwa kien wiehed mid-diretturi tal-kumpanija. Mistoqsi jekk kienx imur dejjem is-Sur Vella ghall-affarijiet, wiegeb li le, gieli kien imur wkoll impjegat

minn taghhom kunjomu Tabone, impjegat mas-socjeta’ Central Services Limited. Sa fejn jaf hu la is-socjeta’ involuta u lanqas Marc Vella ma ghamlu l-ebda pagament.

Nhar it-tmintax (18) ta’ Ottubru, 2011, xehed **il-konvenut Marco Paul Vella** u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta’ wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ Central Services Ltd u kkonferma li n-negozju taghhom kien ta’ xoghol ta’ dawl u ilma. Ikkonferma li huma kienu jixtru l-materjal relatati ma’ xoghol ta’ dawl u ilma minghand is-socjeta’ attrici Bugeja Co Ltd. Kien ikollhom progetti kbar u s-socjeta’ Bugeja kienet taghtihom credit u kienu jiffirmaw id-delivery note ta’ kull haga li jiehdu. Spjega li l-haddiema taghhom ukoll kienu juzaw din l-istess procedura ta’ iffirmar ta’ delivery notes. Fil-fatt gieli kienet is-socjeta’ Bugeja stess li kkonsenjat il-materjal ghal ghandhom stess.

Muri d-dokumenti esebiti fl-atti, ikkonferma li dawn huma id-delivery notes in kwistjoni. Ikkonferma li huwa kellu xi dizgwid mal-partner tieghu tant li ma setghux ikomplu fis-Central Services Ltd, u huwa ghalhekk hareg minnha billi effettivament ittrasferixxa l-ishma li kellu u dan ghamlu bla hlas. Tenna li pero’ qabel ma telaq mill-kumpanija, kienu zammu board meeting u ghal dan il-meeting kien hemm prezenti zewg diretturi u accountant u flimkien raw x’bilanc kien hemm prezenti u kif kien ser jithallas. Qal li kien zamm xi xoghol u d-Diretturi l-ohra kienu zammu l-ishma tas-socjeta’ u kienu iffirmaw ftehim bejniethom, u kien ftehim li s-socjeta’ attrici kellha tithallas ghall-kreditu taghha minghand is-socjeta’ Central Services Ltd u ghalhekk personalment ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ Bugeja Co Ltd.

Huwa esebixxa dan il-ftehim li gie mmarkat bhala Dokument Z. Spjega illi huwa qatt ma xtara affarijiet f’ismu personali izda dejjem f’isem il-kumpanija. Id-diretturi li kienu prezenti ghal din il-laqgha huma Rudolph Azzopardi u Alan Mifsud, kif jirrizulta mill-iffirmar taghhom fuq id-Dokument Z. Inizjalment il-kumpanija kienet taghti service u maintenance ta’ lifts u imbaghad kibret. Qal li maz-zmien kienu ghamlu diversification u bdew jiehdu ordnijiet dwar xoghol tad-dawl u ilma, u dawn l-invoices

tal-kaz in desamina ghandom x'jaqsmu ma' xogholijiet tad-dawl u ilma. Ikkonferma li meta ffirma it-transfer of shares, esebita f'dawn l-atti bhala Dokument E, huwa kien ghadda l-invoices kollha pendenti lid-diretturi tal-kumpanija Central Services Ltd bl-intendiment li ser jithallsu minn din l-istess kumpanija.

**Marco Paul Vella** rega' xehed nhar id-9 ta' Mejju 2012 fejn ikkonferma illi huwa d-direttur tas-socjeta' Central Services Limited u hu kien jixtri xi materjal u affarijiet ta' dawl ghall-progetti tal-kumpanija minghand is-socjeta' Bugeja Company Limited. Mistoqsi kif kien isir dan ix-xiri tenna li effettivament kien jordna l-bzonnijiet hu, u effettivament kien imur hu personalment jigborhom, izda gieli marru haddiema ohra, naturalment tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici kienet taghtihom xi invoices u huma kienu jiffirmaw fuqhom.  Tenna li hu responsabbli ta' sezzjoni li tiehu hsieb id-dawl u l-ilma. Sa fejn jaf hu ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fil-kariga li kellu. Ikkonferma li ghax-xiri li kienu jaghmlu, kienu jigu iffirmati id-delivery notes, effettivament minn min kien imur jigbor il-materjal. Sostna li bl-amment ma jistax jghid min kienu il-haddiema l-ohra li iffirmaw l-invoices. Insista li hu biss ghandu l-fakulta' li jaghmel l-ordni tal-materjal, pero' ma kienx ikun mal-haddiema li kienu jiffirmaw id-delivery notes. Zied jghid li hu u Bugeja kellhom relazzjoni tajba ta' negozju. Tenna li ghalih personali qatt ma ordna xi xoghol minghand is-socjeta' attrici, u li f'kull delivery note hemm indikat ghall-liema post kien ser jintuza dak il-materjal. Indika lill-partijiet koncernati fejn effettivament fuq id-delivery note kien ikun hemm miktub il-post fejn kien ser jintuza' il-materjal. Il-kliem fuq dawn l-invoices jinkiteb minn Bugeja Company Limited. Mistoqsi x'diskors kien sar fl-ahhar board meeting meta huwa rrizenja minn direttur u kien effettivament trasfera is-share tieghu lid-diretturi l-ohra, wiegeb li kien sar ftehim bejniethom fejn fil-fatt gew iffirmati wkoll xi dokumentazzjoni. Meta sar dan l-imsemmi ftehim, kien hemm prezenti zewg diretturi ohra u l-financial controller. Kien hemm Rudolph Azzopardi u certu Mifsud. L-accountant kien jismu Vince. U qal ukoll li waqt dan il-meeting huwa kien ipprezenta id-delivery notes li kienu ghadhom pendenti.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ **Rudolph Azzopardi** nhar id-9 ta’ Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta’ konvenuta. Huwa kien ilu f’din il-kariga sa mill-bidu nett. Ix-xhud stqarr li meta huma kienu fethu din il-kumpanija diga’ kellhom kumpanija ohra li kienet ila topera ghal ghaxar snin. Dik il-kumpanija l-ohra kellha lista ta’ *suppliers* li kienet tuza u effettivament kienu ghaddew din il-lista lil Marco Paul Vella. Sa fejn hu nfurmat, l-affarajiet ta’ dawl dejjem inxtraw minghand is-socjeta Lotus Trading, u dejjem thallsu permezz ta’ cekkijiet. In-naqriet li kienu jixtru minghand is-socjeta’ attrici wkoll kienu jixtruhom permezz ta’ cekkijiet. Fil-fatt sostna li ghadhom sal-lum jixtru minghand Bugeja Company Limited pero’ ghan-nom tas-socjeta’ Central Services. L-affarijiet li kienu jixtru minghand is-socjeta’ attrici kienu affarijiet zghar, ta’ hamsa u tletin Ewro jew ghoxrin Ewro. Il-bulk tad-dawl, wires u affarijiet bhal dawn kienu jixtruhom dejjem minghand Lotus Trading.

Mistoqsi jekk jafx id-direttur tas-socjeta’ attrici qal li jaf lil Joe Bugeja fuq haga ohra. Huwa kkonferma ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta li qatt ma rcevew xi statements minghand is-socjeta’ attrici. Huwa qatt ma kien infurmat li effettivament kien hemm xi deliveries mis-socjeta’ attrici. Lanqas qatt ma’ rcieva xi telefonati fejn gie avzat li kellu jaghtihom il-flus. Huwa kkonferma li xoghol fuq barra li kien jiehu hsiebu l-konvenut Marco Paul Vella. Pero’ l-affarijiet tal-accounts kienu jiehdu hsiebhom mill-ufficcju. Huwa f’din il-kumpanija kien *hands on* b’mod tekniku fuq l-affarijiet li kienu jsiru fuq barra. B’hekk huwa kien jaf kull progett li kien ikollha s-socjeta’ konvenuta u l-materjal li kien jintuza ghal kull progett.

Mistoqsi min kien ikun prezenti ghall-ahhar board meeting wiegeb li kien hemm prezenti Vince l-accountant, huwa, il-konvenut Marco Paul Vella u Alan Mifsud. Waqt dan il-meeting is-socjeta’ attrici qatt ma’ ssemmiet. Huwa spjega li kien hemm kredituri ohrajn fosthom l-Avis li ssemmew. Effettivament ma nghatatx lista tal-krendituri. Din inghatat lill-accountant dak in-nhar stess.

Huwa qal li l-progetti dak iz-zmien kellhom ghaddejjin wahda Tropikana Hotel, Paceville u kien hemm xi zewg snackijiet ta' Schembri Bar Bros, kien hemm blokk appartamenti gewwa tal-Ibragg, flat iehor li jigi vicin il-Beach Haven u kien hemm ukoll mahzen l-Imriehel. U sa fejn jaf ix-xhud il-materjal li ntuza ghal dawn il-progetti kienu jgibuh minghand il-Lotus.

Gie mistoqsi jekk is-socjeta' konvenuta Central Services Limited ghadiex tissejjah hekk, wiegeb li le llum il-gurnata ma ghadiex tissejjah hekk. Din illum tissejjah Central Lifts Company Limited. Huma kellhom bzonn li jaghmlu *venture* gdida fil-kumpanija taghhom. Minflok ma' fethu kumpanija gdida huma uzaw kumpanija ohra minn taghhom li kienet *dormant* u bidlulha l-isem. Il-kumpanija konvenuta Central Services Limited saret Central Lifts tliet xhur ilu biss. Dan l-isem tal-kumpanija inbidel tliet xhur jew erba' ilu.

Semghet lil **Vincent Bonello** li xehed fid-9 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa kien l-awditur tas-socjeta' konvenuta, tas-Central Services Limited. Huwa kien prezenti ghal board meeting li kien sar f'Jannar 2010. Mieghu kien hemm prezenti Rudolph Azzopardi, Alan Mifsud u l-konvenut Marco Paul Vella. Mistoqsi jekk kienetx imsemmija xi lista ta' kredituri fis-socjeta' wiegeb li iva giet imsemmija. Mistoqsi jekk is-socjeta attrici Bugeja Company Limited issemmietx f'din lista ta' kredituri qal li le, ma kien hemm l-ebda referenza ghaliha.

Ix-xhud gie muri dokument esebit a fol 8 tal-process u mmarkat bhala dokument A u qal li dan id-dokument qed jirrefieri ghal din istess laqgha tal-board meeting. Fuq dan id-dokument ma hemmx  il-firma tieghu u lanqas ma hemm indikat li huwa kien prezenti.  Huwa stqarr illi ftit ilu kien inbidel l-isem tas-socjeta' konvenuta ghalkemm ir-*registration number* baqa' l-istess. Huwa spjega li fuq *transfer of shares* ikun hemm il-firmatarju ta' min qed jixtri u min qed ibiegh u firma ta' xhud. Dak in-nhar huwa ma kienx qed jirraprezenta l-kumpanija izda kien biss awditur. Huwa ddikjara li dan id-dokument gie itajpjat minnu ghalkemm mhux huwa l-firmatarju tieghu.

**Ivan Camilleri,** in rapprezentanza tal-MFSA, xehed fl-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li bhala socjeta', Central Services Limited li ggib in-numru tar-registrazzjoni C42426, ghadha socjeta' attiva u fil-fatt kienet giet registrata taht dan l-isem u cioe' Central Services Limited fil-25 ta' Settembru 2007 u effettivament fit-13 ta' Ottubru 2011 din is-socjeta' bidlet isimha u saret tissejjah Central Lifts Company Limited. Ix-xhud esebixxa kopja tad-dokumenti u certifikati sabiex jikkonfermaw dak li qal u gew immarkati komplessivament mill-Qorti bhala dokument MFSA1. Mistoqsi jekk ic-C number baqghax l-istess qal li iva effettivament ic-C number in kwistjoni huwa C42426 u ghalhekk ikkonferma li fil-25 ta' Settembru 2007 sal-lum is-C number baqa' l-istess.

**Alan Mifsud** xehed fl-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Central Lifts Company Ltd. Mistoqsi jekk jafx lil Marco Vella, il-konvenut, qal li iva jafu. Mistoqsi kif jaf lil Marco Bugeja qal li effettivament huwa jafu peress li kienu ltaqghu sabiex jaghmlu kumpanija flimkien dwar mechanical installations ta' lifts kif ukoll ghal xi electrical fittings. Maz-zmien pero' qal li n-negozju taghhom aktar ha xejra ta' electrical installations u ghalhekk in-negozju taghhom kien sar f'dak is-sens. Mistoqsi jekk huwa qattx baghat lil Marco Vella sabiex jixtri xi materjal minghand xi suppliers partikolari qal li le qatt ma bghatu mkien. Qatt ma geghlu jmur jixtri xi oggetti minn x'imkien. Mistoqsi mill-Qorti min kienet il-persuna responsabbli ghax-xiri tal-affarijiet fin-negozju taghhom, qal li aktar li kienu, kienu Rudolph Azzopardi u l-istess Marco Vella. Huwa fil-fatt kien jiehu hsieb kumpaniji ohra. Mistoqsi jekk huwa qattx ircieva xi statements minghand Bugeja Company Limited ghan-nom tas-socjeta' Central Lifts Company Limited jew ghan-nom tal-kumpanija Central Services Limited qal li le effettivament qatt ma' rcieva xi komunikazzjoni minn ghandhom.

Mistoqsi jekk kienx prezenti ghall-board meeting meta ddecidew li jxolju n-negozju ta' bejniethom, cioe' l-partnership, qal li iva kien. Prezenti ghal din il-laqgha kien

hemm ix-xhud, Rudolph, Marco u certu Vince. Mistoqsi jekk issemmitx xi lista ta' kredituri waqt dan il-board meeting qal li effettivament iva ssemmiet. Pero' mistoqsi kemm kien hemm kredituri qal li ma ghandux idea. Ma jidhirlux li s-socjeta' attrici ssemmiet waqt din il-laqgha. Meta huwa qal il-partnership, qal li fis-sens li waqqfu n-negozju li kellhom bejniethom. Fis-sens li Rudolph u hu jibqghu diretturi waqt li Marco johrog il-barra. Mistoqsi id-data ta' l-ahhar board meeting tas-sena elfejn u ghaxra qal li ma jafiex id-data. Mistoqsi jekk setghax kien il-kas li huma ltaqghu darbtejn fix-xahar ta' Jannar 2010 u f'darba minnhom ghamlu l-ftehim u fid-darba ta' wara ffirmawh qal li minghalih li kollox sar f'okkazzjoni wahda. Huwa minnu li Marco kien jiehu hsieb il-progetti on site. Pero' jaf li kien ikollu inkontri regolari ma' Rudolph u kien jispjegalu x'kien qed isir u ma jsirx. Suppost Rudolph kien ikun jaf l-affarijiet li kienu jinxtraw in konnessjoni ma' dawn il-progetti li kienu qed jiehdu hsieb.

Mistoqsi ghaliex l-awditur taghhom kien irrizenja f'Settembru tas-sena elfejn u ghaxra b'effett minn Marzu ta' dik l-istess sena wiegeb li r-raguni ezatta ma jafiex pero' jista' jkun peress li huma kienu bidlu l-kumpanija tal-awdituri taghhom. Vince kien qalilhom li kien qed jixjieh fiz-zmien u hass li s-socjeta' Central Trading kienet kbira wisq ghal idejh u ghalhekk talab li jigi ezentat.

Mistoqsi in kontro-ezami xi rwol kellu f'din il-kumpanija qal li fil-fatt kellu ftit li xejn. Essenzjalment dwar il-mertu ta' dan in-negozju u l-mertu tal-kawza odjerna qal li ma jaf xejn. Dwar il-kontijiet u invoices esebiti f'dawn l-atti qal li ma jaf xejn u ma' seta' jghid xejn. F'din il-kumpanija kienu tliet diretturi: ix-xhud, Rudolph Azzopardi u Marco Vella. Illum il-gurnata Rudolph u x-xhud ghandhom hames kumpaniji. Ix-xhud kien jiehu hsieb certu affarijiet, waqt li hu jiehu hsieb certu affarijiet ohrajn. Ix-xhud gie muri l-invoices esebiti f'dawn l-atti a fol 47 u qal li huwa dwarhom ma setghax jixhed ghax ma' jaf xejn.

**<u>Il-Konvenut Marco Vella</u>** xehed in kontro-ezami fl-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li fix-xhieda precedenti huwa kien qal li ma kellu l-ebda limitazzjoni dwar xiri. Huwa kien

majority shareholder f'din il-kumpanija u kien jiehu hsieb is-sezzjoni tad-dawl u l-ilma f'din il-kumpanija u dan minn A saz-Z ghaliex id-diretturi l-ohra kellhom inkarigi ohrajn. Huwa rega' qal illi ma kellu l-ebda limitazzjoni dwar dak li kellu jixtri u kemm kellu jonfoq f'dan il-qasam. Naturalment pero' dwar kemm kellu jixtri u kemm kellu jonfoq huwa kien jikkonsulta lid-diretturi l-ohra. Generalment kien jitkellem ma' Rudolph u c-cekkijiet li kienu johorgu f'isem il-kumanija kienu jigu ffirmati minn zewg diretturi. Ic-cekkijiet dejjem kienu jigu ffirmati mix-xhud u minn direttur iehor. Huwa kkonferma li fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2010, waqt il-board meeting, huwa kien ghadda kopja tal-invoices lil Rudolph Azzopardi. Ghalhekk fil-fehma tax-xhud id-diretturi l-ohra kienu jafu b'dawn l-invoices li kienu ghadhom bilanc mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li meta ghamlu l-ftehim bejniethom kienu hadu in konsiderazzjoni d-debituri li kien hemm sa' dak iz-zmien, u fil-fatt hemm karta iffirmata bejniethom ilkoll li kull dejn tal-kumpanija kellu jithallas effettivament mill-istess kumpanija. Mistoqsi jekk din il-karta li qed jaghmel referenza ghaliha hijiex it-transfer of shares wiegeb li le naturalment ma kinitx, dan huwa ftehim li sar apparti. Huwa esebixxa kopja ta' dan il-ftehim li l-Qorti mmarkat bhala Dokument S. Sussugwentament dan il-ftehim gie kristallizzat permezz ta' transfer of shares li sar jumejn wara.

Mistoqsi liema huma l-kumpaniji ohrajn fejn kien jixtri ghan-nom tas-socjeta' qal li fil-fatt kien hemm, Raisefield Limited, Tropicana Hotel jew Funland, Damian Galea, ix-Xemxija u xi ohrajn. Mistoqsi jekk dawn il-klijenti kienux hallsu lill-kumpanija qal li iva effettivament kienu hallsu u anke deposits kienu jaghmlu, u dejjem lill-kumpanija u mhux lix-xhud. Kien hemm minnhom li hallsu direttament lis-Central Services. Kien hemm klijent partikolari tat-Tropicana Hotel li kien jaghti flus cash direttament lil Rudolph Azzopardi. Mhux minnu dak li qal Rudolph Azzopardi li huma kienu jixtru ftit affariijiet minghand Bugeja Company Ltd u li l-affarijiet kienu jixtruhom minn Lotus Trading anzi sostna li l-bulk tal-affarijiet, bhal conduits u affarijiet simili kienu jixtruhom minghand Bugeja Company Ltd.  Mhux minnu lanqas dak li qal Rudolph Azzopardi li waqt l-ahhar board meeting ma

ssemmitx is-socjeta' attrici, tant issemmiet li effettivament ix-xhud kien ghaddielu kopja tal-invoices li kien hemm pendenti, u una volta iffirmaw id-dokument S, huwa ovvju li huwa kien jaf dwar il-bilanci li kienu dovuti lil Bugeja Company Limited.

Ix-xhud saritlu referenza ghal dokument B li jinsab esebit fl-atti a fol 5. Dan id-dokument fih sitt invoices li kienu hargu f'isem Rudolph Azzopardi. Dan probabilment ghaliex dan l-invoice huwa datat wara l-ftehim li kienu ghamlu f'Jannar ta' dik l-istess sena. Huwa ma setghax jghid ghaliex hargu f'ismu partikolari pero' fil-fehma tieghu, dawn hargu f'isem il-kumpanija, pero' dwar dan ma setghax jikkonferma. L-invoices li huma msemmija fid-dokument A a fol 2 et seq tal-process jinsabu f'isem ix-xhud u dan peress illi meta huwa kien jixtri minghand Bugeja Company Ltd, is-salesman taghha kien jiktibhom f'isem Mark Vella, pero' naturalment dawn ma' kienux tieghu personali, kienu Mark Vella, f'isem is-socjeta' konvenuta.

Ix-xhud gie muri dokument esebit fl-atti mmarkat bhala dokument CP1 sa CP6 li huma delivery notes u qal li fuqhom ma' hemmx il-firma tieghu. Huwa spjega pero' li gieli kien hemm cirkostanzi fejn Rudolph Azzopardi kellu bzonn il-firma u ghamilha ghan-nom tax-xhud. Wahda mill-firem hija simili ghal tax-xhud pero' l-ohrajn mhumiex. Huwa minnu li huwa kien avza lis-socjeta' attrici partikolarment lil wiehed mis-salesman taghha li huwa ma kienx ghadu fil-kumpanija u ghalhekk kien talbu sabiex l-invoices ma johroghomx aktar f'ismu. Huwa kkonferma li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici qalilha biex ma tohroghomx aktar f'ismu ghax ma kienx ghadu aktar direttur.

Ix-xhud stqarr illi huwa qatt ma ra lil Rudolph Azzopardi jiffirma floku, ghax kien jiffirma floku meta ma' kienx ikun prezenti. Fil-fatt ix-xhud kien gibidlu l-attenzjoni u qallu li ma jiehux gost meta huwa jiffirma ghalih. Anke lid-direttur l-iehor Alan kien qallu, li ma kienx jiehu gost meta Rudolph jiffirma minflok ix-xhud. Mistoqsi jekk huwa qattx ra l-Memorandum of Articles qal li iva rah meta ffirmah u

kienet giet inkorporata l-kumpanija. Huwa kkonferma li kien minghalih li ghandu majority shareholding. Mistoqsi jekk huwa qattx iffirma xi cekkijiet li kienu dovuti lis-socjeta' attrici qal li iva. Mistoqsi jghid kemm kienu dawn l-ammonti qal li naturalment ma jafx. Pero' naturalment ma kienx jiffirma wahdu ghax dejjem kien ikun hemm direttur iehor mieghu.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazjonijiet meta huwa nghata xi cekkijiet biex jghaddihom lill-kumpanija qal li ma jiftakarx. Huwa sostna li qatt ma kien qal lir-rapprezentant biex l-invoices ma' johroghomx f'ismu izda johroghom f'isem Central Services.

**Marco Vella** reggha' xehed ukoll fil-5 ta' Lulju 2012 fejn ikkonferma li l-firem li hemm fuq id-dokumenti esebita f'dawn l-atti huma l-firem tieghu.

**Saviour Muscat** xehed fil-5 ta' Lulju 2012 fejn iddikjara li huwa kien jahdem ma' Rudolph Azzopardi bhala Electrician u huwa ghamel aktar minn sena jahdem mal-kumpanija tieghu. Huwa stqarr li meta Mark Vella kien ghadu jahdem maghhom, huwa kien ikollu requisition order u kien imur jigbor il-materjal minghand Bugeja Company Limited fejn kien jiffirma bhala ricevitur. Ghax-xhud, Mark Vella kien qisu bhala foreman u kien jibghatu hu.

Huwa stqarr li ghall-ewwel kien jibghatu dejjem Mark Vella izda meta Mark Vella ma' kienx ghadu jahdem maghhom Rudolph kien jaghtih open cheque u kien imur jixtri bih u kien ihallas cash dak in-nhar stess. Meta kien imur jigbor il-materjal ix-xhud bir-requisition li kien ikun tah Mark, kien jiffirma ghad-delivery tieghu. Dak iz-zmien is-socjeta' attrici kellha xogholijiet ghaddejjin fit-Tropicana Hotel u kellha blokk appartamenti gewwa is-Swieqi, kellha Bajada Blokk u xi blokk iehor ix-Xemxija. Huwa jaf li xi gimghatejn qabel kien avvicinah Mark Vella u kien talbu sabiex jitla' bhala xhud.    Kien talbu wkoll sabiex jaghmel affidavit u x-xhud qallu li ma setax jaghmel hekk peress li huwa kien il-foreman tax-xhud. Mark Vella qallu wkoll li kien diga

ippreparalu affidavit u kull ma kellu jaghmel hu li jmur u jiffirmah u jikkonfermah.

Ix-xhud spjega li huwa minnu li Mark Vella qallu li huwa kien jixtri xoghol ghal kumpanija pero’ meta kien jixtrih x-xhud stess, jista’ jghid li vera kien qieghed jixtirh ghan-nom tal-kumpanija pero’ meta kien jibghatu Mark Vella, huwa dan ma jistax jghid ghal min kien ikun qed jibghatu. Ix-xhud ikkonferma li l-materjal li kien jixtri hu kien jiehdu fuq is-site, u jaf li kien ikun hemmhekk. Pero’ jaf li Mark Vella kien ikollu r-requisition book f’idejh u ghalfejn kien jixtri il-materjal huwa ma jistax jikkonferma. Lill-avukata huwa kien qalilha li Mark Vella kien avvicinah. Huwa kien diga’ gie avvicinat minn Rudolph Azzopardi sabiex jitla’ bhala xhud u ghalhekk ma setghax jaghmel affidavit ghal haddiehor.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici Bugeja Company Limited prezentata nhar it-3 ta’ Awwissu 2012, dik prezentata mill-konvenut Marco Paul Vella fit-22 ta’ Awwissu 2012 u dik ipprezentata mis-socjeta’ konvenuta nhar is-6 ta’ Settembru 2012.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza is-socjeta’ attrici qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli sabiex ihalsuha s-somma indikata fir-rikors promotur rapprezentanti din is-somma bejgh ta’ diversi oggetti u servizzi fornuti lilhom skond id-dokumenti A u B inseriti fl-atti. Illi l-konvenuti m’humiex qed jikkontestaw il-quantum fl-eccezzjonijiet taghhom pero’ kemm il-konvenut Marco Vella de proprio kif ukoll is-socjeta’ Central Lifts Company Limited qed jghidu li huma m’humiex il-legittimi kontradittturi f’din il-kawza. Il-konvenut Marco Vella de proprio qed jghid li l-oggetti verament gew ordnati u mehuda minnu izda dejjem fl-interess tas-socjeta’ konvenuta li taghha kien Direttur waqt li is-socjeta’ konvenuta qed tghid li l-konvenut kien jiehu l-oggetti ghall-bzonnijiet tieghu li ma kellhom x’jaqsmu xejn mas-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk l-ezercizju li ghandha taghmel din

il-Qorti hu li tezamina l-atti u tara min hu l-konvenut li ghandu iwiegeb ghad-domandi attrici.

Kunsiderazzjonijiet legali:

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata filgudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza*

*jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**Maria Concetta Stivala, Giovanna Dolores Stivala, u Giuseppa Dolores Stivala vs Pierre Buttigieg u Legend Real Estate Ltd'** deciza fit-22 ta Jannar 2010:

*"B' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f' sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha;"*

Issa f'dan il-kaz il-konvenut Marco Vella ma jichadx li kien hu li ghamel id-diversi ordnijiet li taghhom qed jintalab hlas tant li fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2012 ikkonferma li l-invoices esebiti fl-atti huma iffirmati minnu. Pero' jghid li huwa dejjem iffirma ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Illi skond is-sentenza **'Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna'** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta;' April 1992 u '**Anthony Caruana et vs John Magro et'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 gie ritenut li:

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor..'*

Fis-sentenza ***'John Vella noe s Anthony Vella et'*** deciza mill-Qorti ta' l- Appell nhar it-3 ta Dicembru 1999 inghad li:-

*'Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univiku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imam f'isem persuna ohra ben identitfikata'. Kellu*

*jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.'*

Illi skond **Charles Bugeja** li xehed f'isem is-socjeta' attrici nhar it-22 ta' Settembru 2011 jirrizulta li l-kovenut Marco Vella kien imur jixtri minghandhom f'isem is-socjeta' konvenuta u jghid li gieli kien imur jixtri u gieli kien jibghat xi haddiem minn tieghu. Jirrizulta mix-xhieda ta' Marco Vella li mhix kontestata li huwa kien Direttur tas-socjeta' konventua fiz-zmien meta hargu l-invoices esebiti l-Qorti u jirrizulta mix-xhieda tieghu stess, li wkoll ma gietx kontradetta, li huwa kien id-Direttur li kien responsabbli ghax-xiri tal-materjal ghall-kumpanija waqt li d-Diretturi l-ohra aktar kienu responsabbli ghall-accounts u administration tal-istess. **Gaetano Micallef** impjegat tas-socjeta' attrici jghid li kien jara lill-Marco Vella imur fl-istabbiliment taghhom u jixtri xi merkanzija u kien imur bil-vann tas-socjeta' konvenuta. Jghid ukoll li gieli kien imur xi haddiem minn taghhom certu Tabone li wkoll kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Fil-fatt **Charles Bugeja** fix-xhieda tieghu in kontro-ezami jghid li fl-invoices Marco Vella kien jiffirma u ma kienux jiktbu isem il-kumpanija pero' is-socjeta' konvenuta ghamlet pagamenti fil-passat fuq l-invoices li kien jiffirma l-istess Marco Vella. Qatt ma ikkontestathom. Mistoqsi ghaliex ma kienux jiktbu isem is-socjeta' jghid li ghalih ma kienx hemm lok ghaliex sahansitra anke lil haddiema ohra kienu jibghatu sabiex jigbru x-xoghol u meta kienu jcemplulhom u jitolbuhom il-hlas, is-socjeta' konvenuta qatt ma cahdet li kellha ittimhom, anzi kienet tghidilhom li kienu ser jibghatu l-hlas u fil-fatt kienet ghamlet xi pagamenti permezz ta' cekkijiet. Jispjega wkoll li wara li spicca Marco Vella minn Direttur huma bdew jibghatu l-invoices f'isem id-Direttur l-iehor Rudolph Azzopardi kif jirrizulta mill-atti u ghal darb'ohra ma gewx mitluba biex jiktbu l-invoices f'isem is-socjeta' konvenuta.

**Rudolph Azzopardi** li xehed fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta jghid li huwa ma kienx jaf li

Marco Vella kien jixtri merkanzija ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta ghalkemm fl-istess nifs jghid li kien responsabbli ghax-xoghol li kien isir fuq barra. Jghid li huwa kien *hands on* fuq l-accounts. Ghalhekk il-Qorti tistaqsi jekk kien *hands on* fuq il-kontijiet tal-kumpanija, ma setghax jipprova evidenza sabiex ighid minn fejn kienu jixtru l-materjal li kien hemm bzonn ghall-progetti taghhom? Jirrizulta li fuq l-invoices hemm imnizzel l-post fejn kien ser jitnuza l-merkanizija u irrizulta li verament is-socjeta’ konvenuta kellha propjeta’ qed tinbena f’dawn il-postijiet hemm indikati. Azzopardi jghid li kienu jixtru l-materjal minghand kumpaniji ohra pero’ prova dokumetarja dwar dan ma jgibx ghalkemm kien jaf li dak li qal kien kontestat.

Alan Mifsud, Direttur iehor tas-socjeta’ konvenuta fix-xhieda tieghu tal-20 ta’ Gunju 2012 jghid li Marco Vella kien responsabbli ghax-xiri tal-affarijiet ghas-socjeta’ konveuta flimkien ma’ Rudolph Azzopardi. Pero’ kien Marco Vella li kien jiehu hsieb il-progetti on site izda jghid li suppost Rudolph kien ikun jaf b’dak li kien qed isir. Mistoqsi jekk kienx jaf xi haga dwar il-pendenza odjerna jghid li ma jaf xejn u ma jaf xejn dwar l-invoices esebiti fl-atti.

Marco Vella fix-xhieda tieghu tat-18 ta’ Ottubru 2011 jghid li huwa kien imur jixtri ghan-nom tal-kumpanija konvenuta u dan wara li s-socjeta’ attrici kienet tathom il-facilita’ ta’ credit. Jghid li kien hemm zmien sussegwenti meta ma xtaqx jibqa’ Direttur fis-socjeta’ konvenuta u ghalhekk kien biegh l-ishma tieghu lid-Diretturi taghhom u dakinhar kienu ftehmu li d-debiti tas-socjeta’ konvenuta kienu ser jibqghu kollha a karigu ta’ l-istess socjeta’ u b’hekk ikunu responsabbli ghalihom id-Diretturi taghha u dan kif jirrizulta mill-fethim esebit fl-atti a fol. 53 u mmarkat bhala Dok Z. F’dan il-ftehim datat 27 ta’ Jannar 2010 hemm imnizzel “*It is hereby agreed that Mr Vella will not be liable on any pending or future issue in relation to the company while enjoying the amounts due by debtors listed below. The remaining debtors and other assets will be taken over by the remaining partners.”* Issa minn ezami tad-debituri imsemmija f’dan il-ftehim, is-socjeta’ attrici ma tidhirx.

**Saviour Muscat,** electrician mas-socjeta' konvenuta jghid li huwa kien imur jixtri minghand is-socjeta' attrici. Jghid li ghall-ewwel kien jibghatu Marco Vella sabiex jigbor il-materjal sabiex jintuza ghax-xoghol li kellhom  u f'dawk l-okkazjonijiet kien jiffirma bhala ricevitur tal-merkanzija ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Huwa kien iqis lil Marco Vella bhal foreman  u meta Vella ma baqax jahdem mal-kumpanija  konvenuta, kien jibghatu Rudolph u jaghtih *open cheque* sabiex ihallas ghal dak li kien jiehu. Jghid li huwa ma jistax jghid ghal min kien jordna ix-xoghol Marco Vella pero' jaf li dak li kien jigbor hu kienu jiehdu fuq is-sit fejn kienu jahdmu.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija is-socjeta' konvenuta li ghandha thallas l-ammont imsemmi fir-rikors promotur lis-socjeta' attrici u mhux il-konvenut de proprio Marco Vella. Dwar il-quantum hadd mill-partijiet ma kkontesta l-ammont qua quantum u ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li huwa kollu dovut.

**Ghalhekk din il-Qorti .filwaqt li qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut de proprio Marco Vella, qeghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u qeghda wkoll tichad l-eccezzjonijiet kolha tas-socjeta' konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' disat elef, tlett mija erbgha u tletin Ewro u tmienja u sebghin centesmu  (€9,334.78).**

**L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jigu kollha sopportati mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------